# Il-Festa: Komunikazzjoni Paralingwali u Enċiklopedija Siekta

**Christopher Bonnici B.A. (Hons); M.A.**

Reġgħet waslet il-festa! Jaqaw wasal San Pietru? Hekk hawn min jgħid hekk kif jibda dieħel Lulju. Għax mhux kulħadd ikunu jolqtuh l-istess affarijiet; min iħobb iktar l-isports, min il-festi, u min affarijiet oħra. Min m'għandux xi mħabba speċjali lejn il-festi tal-lokalitajiet tagħna jintebaħ hekk kif madwar xahar qabel jibda jara l-antaljoli tilgħin fix-xatt, fil-pjazza u fit-toroq tal-madwar. Minn dawn in-nies nifhem dak illi qatt ma għaddieli minn moħħi qabel: il-festi huma forma ta' komunikazzjoni paralingwali: ma titkellimx, imma tikkomunika ma' kulħadd.

L-istess fejn jidħol l-armar tal-knisja: malli jintrama t-tużell, il-lampier u jibda jiddendel id-damask u jinkixfu l-linef, mill-ewwel min jidħol f'dik id-Dar ta' Alla jintebaħ illi qed tilbes libsa speċjali. Għax meta niċċelebraw xi ħaġa speċjali, irridu nippreparaw minn kmieni. Bħal meta, ngħidu aħna nistiednu lill-għeżież tagħna fi djarna għal xi ikla speċjali.

Hekk ukoll kif nisimgħu l-ewwel ħarqa ta' murtal, speċjalment jekk ma nkunux nafu x'qed jiġi ċċelebrat f'dik il-lokalità partikolari. Pereżempju nisimgħu ħoss ta' murtal ġej min-naħa taż-Żurrieq u nistaqsu: "X'hemm illum iż-Żurrieq? mhux soltu!" Semmejt iż-Żurrieq għax viċin tagħna. Mhix komunikazzjoni din? Bla ma titkellem!




Waħda mill-bandalori tal-Pjazza tagħna bil-pittura tal-Papa Pio XI impittra fl-2011 minn Manuel Farrugia. Din il-pittura tfakkarna fil-konnessjoni li l-Parroċċa tagħna għandha mal-kult Petrin; mar-rispett u l-ubbidejnza lejn il-Papa dato li l-Patrun tagħna San Pietru kien l-ewwel Papa.

Minn mindu ċkejken, mal-ġenituri bdejt niffrekwenta diversi festi, ħaġa li żdiedet awtomatikament kif bdejt indoqq f'diversi knejjes u ma' diversi baned. U nħares lejn dak illi jkollhom armat: pereżempju fi Pjazza San Franġisk, Ħal Qormi – il-post fejn qed noqgħod - innutajt xi armi ta' parroċċi, uħud fuq il-pavaljuni, oħrajn fuq il-bandalori. Naturalment - għandhom raġun iqabbluni ma' San Tumas – għax ma waqaftx billi għedt "kemm huma sbieħ", imma staqsejt għaliex.

It-tweġiba kienet illi dawk huma l-parroċċi li ħarġu mill-parroċċa matriċi ta' San Ġorġ jew li ħarġu mill-parroċċa li kienet ħarġet minn San Ġorġ. Li kont naf kemm hija antika l-parroċċa Ġorġjana huwa fatt, imma qatt ma kont bsart illi mhux talli hija omm, imma anke nanna, u f'ċerti każijiet, jekk m'iniex niżbalja, bħall-parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni l-Ħamrun u Marija Reġina tal-Marsa, anke bużnanna!

Tgħallimt ukoll b'sorpriża li l-Belt Valletta ħarġet totalment minn Ħal Qormi: San Duminku ħareġ minn Ħal Qormi fl-1570, San Pawl ħareġ minn San Duminku fl-1571, Santu Wistin ħareġ minn San Duminku fl-1968. Mixja ta' iktar minn 400 sena! "L-Assedju l-Kbir Ħal Qormi sar" qalli darba Qormi Ġorġjan. Dan kollu permezz tal-armar!

Nismagħhom isemmu wkoll lil Santa Margerita Verġni u Martri. Fil-fatt, f'Ħal Qormi jarmaw statwa tagħha wkoll. Hemm diversi qaddisin martri, imma għaliex din? Staqsi 'l hemm u fittex 'l hawn, fuq is-sit tal-Kappelli Maltin sibt ir-raġunijiet. Waħda minnhom hija li jingħad illi waqt li kienet il-ħabs kien deherilha x-xitan f'forma ta' dragun li belgħalha s-Salib li dejjem kienet iġġorr magħha.

Mod ieħor kif l-armar iwassal messaġġ huwa pereżempju f'festi fejn jivveneraw lil San Ġużepp tara ġeneralment statwi ta' Profeti, fosthom tal-Profeta David minħabba li Ġużeppi kien ġej mill-familja tas-Sultan David. Hekk ukoll lil Ommna Marija, f'festi tagħha naraw xi statwi ta' "qaddisin" nisa, fosthom ta' Ġuditta – xebħ naturali bejniethom: hekk kif Ġuditta qatgħet ras Oliferne, Ommna Marija saħqet ras is-Serp Infernali. Hekk ukoll f'bosta parroċċi fejn jiċċelebraw festi tal-Appostli. Pereżempju Ħal Luqa tara statwi tal-Evanġelisti, minħabba li Sant'Andrija kien Appostlu u l-Appostli jissemmew fl-Evanġelji.

Tiltaqa' wkoll ma' statwa ta' San Pietru Appostlu... wara kollox kienu aħwa. Fuq il-bandalori tal-pjazza ta' Birżebbuġa tara bosta pitturi ta' Papiet. Min ma jkunx jaf u jistaqsi għaliex jieħu t-tweġiba li mill-knisja toħroġ l-istatwa tal-Ewwel Kap tal-Knisja Kattolika, u għalhekk, bħal donnu l-Papiet, imdendlin mal-antaljoli, qegħdin isellmu lill-ewwel wieħed fosthom.



L-istatwa tal-kartapesta tal-Appostlu San Pawl maħduma fl-1998 mill-iskultur lokali tagħna u membru tas-Soċjetà tagħna Joe Caruana. Hija vara li twassilna l-messaġġ li ma' San Pietru, it-tieni kolonna tal-Knisja huwa San Pawl.



L-istatwa tal-kartapesta tal-Appostlu Sant'Andrija maħduma fl-2000 mill-iskultur lokali tagħna u membru tas-Soċjetà tagħna Joe Caruana. Hija vara li tfakkarna li San Pietru kellu ħuh, u li kien Sant'Andrija li introduċa lil San Pietru ma' Ġesù għall-ewwel darba fix-Xatt tal-Galilija.

F'raħalna ma jonqsux l-istatwi tal-Appostli San Pawl u Sant'Andrija. Pawlu kien l-Appostlu tal-Ġnus, u bħal Pietru huwa mogħti d-dinjità ta' Prinċep tal-Appostli, u barra minn hekk, il-Knisja Kattolika tiċċelebra l-festa tagħhom bi grad ta' Solennità nhar id-29 ta' Ġunju. Indri kien ħu Pietru, l-Ewwel Appostlu li kif tgħidilna l-Iskrittura laqqa' lil ħuh ma' Kristu Sidna u sieħbu fil-martirju, għax bħalu u bħal Sidu ssallab fuq salib.

Każ ieħor huwa f'Ħal Lija: it-Trasfigurazzjoni tal-Mulej. Quddiem il-knisja parrokkjali jarmaw tliet statwi uniċi: San Pietru, San Ġakbu u San Ġwann. Jinsabu f'pożizzjoni kurjuża: jistagħġbu. Meta wieħed jara l-kuntest għaliex huma hekk, jinnota li l-istatwa titulari fiha lil Kristu Salvatur maġenb Mose' u Elija. B'ħarsa lejn l-Evanġelji, jgħidulna li lbies is-Salvatur saru jgħammxu, u għalhekk wieħed jista' jifhem aħjar għaliex dawn it-tliet statwi jintramaw b'dan il-mod. Hawn min jgħid ukoll illi oriġinarjament dawn l-istatwi jew oħrajn li jirraffiguraw lil dawn it-tliet Appostli kellhom ikunu mal-vara titulari.

Dan kollu mhux forma ta' komunikazzjoni ma' min iżur ir-raħal partikolari? Mhux mezz ta' tagħlim? Għalhekk sejjaħt il-festi enċiklopedija u mezz ta' komunikazzjoni. Fis-skiet tagħhom jgħidu ħafna; fis-skiet tagħhom jgħallmuna; fis-skiet tagħhom iġibuna konxji ta' affarijiet oħra. Fl-imgħoddi ma kellhomx internet u kotba bħalma għandna llum, u għalhekk xi disinn fuq xi pavaljun, xi pittura fuq xi bandalora, xi skudett, xi statwa jew disinn fuq xi pedestall kien jgħid ġrajja sħiħa. Sa ċertu punt, biex titgħallem fuq il-qaddis patrun kont trid tmur il-prietki fil-knisja, li kienu jkunu ferm itwal mil-lum, bosta drabi bit-Taljan u għalhekk rarament kienu jinftiehmu, inkella tara l-armar, u fis-skiet tiegħu tifhem u tapprezza l-istorja tal-qaddis, tal-lokal u tar-rabtiet tal-qaddis partikolari mal-lokal u ma' qaddisin oħra.

Nispera li dan l-artiklu għoġobkom. Ippruvajt norbot daqsxejn il-festa Maltija billi tingħata sens sħiħ u li jinftiehem f'kull festa. Awguri għall-festa t-tajba lill-Birżebbuġjani kollha, minn tarf sa tarf. Tislima speċjali lil dawk kollha li jaħdmu minn qalbhom u bl-aktar mod diżinteressat sabiex raħalna jiċċelebra festa dinjituża f'ġieħ il-Prinċep tal-Appostli, San Pietru. Viva San Pietru ta' Birżebbuġa; Viva Birżebbuġa ta' San Pietru!

**Is-Soċjetà tagħna tirringrazzja lill-Voluntiera kollha tal-Għaqda tal-Armar tal-Parroċċa tax-xogħol kbir li qed jagħmlu għall-festa tal-Parroċċa. Dawn l-aħħar sentejn din l-Għaqda żviluppat għodda ġdida u innovattiva biex l-armar jintrama, jiżżarma u jinħażen mingħajr ma jkun hemm tbatija eċċessiva. Fost affarijiet oħra din is-sena din l-għaqda żiedet fil-liedna, kompliet il-pittura u l-isfumar fuq il-bandalori, u anke se toħroġ armar antik fl-injam, wara li dan sarlu r-restawr li kien hemm bżonn. Grazzi ħafna tas-sagrifiċċji li qed tagħmlu.**